**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 27/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Angela Bezzina**
**Mario Bezzina**

Illum, 10 ta' Gunju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Mario Bezzina, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 167373M, u Angela Bezzina, detentriċi tal-karta' tal-identita' Maltija bin-numru 167779M, akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-4 ta' Diċembru 2020, u/jew fil-ġranet ta' qabel, ġewwa bitħa komuni tal-propjetajiet 3, Sqaq numru 2, Triq il-Knisja l-Qadima, is-Siġġiewi u 14, Triq il-Knisja l-Qadima, is-Siġġiewi, bla ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-Liġi iżda biss biex jezerċitaw dritt li jippretendu li għandhom, ġiegħlu bl-awtorita' tagħhom infushom lil Henrietta Attard u Everaldo Attard iħallsu dejn jew jesegwixxu obligazzjoni tkun li tkun, jew fixklu lill-istess Henrietta Attard u Everaldo Attard fil-pussess ta' ħwejjiġhom b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħlu fi ħwejjiġhom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-imputazzjoni, l-atti u d-dokumenti eżebiti u wara li analiżżat il-provi u semgħet il-partijiet, sabet lill-imputati ħatja tal-fatti msemmija fl-imputazzjoni u wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberathom bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza skond l-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446.

Rat ir-rikors tal-appellanti Angela u Mario Bezzina, ippreżentat fit-2 ta' Frar 2022, fejn talbu lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-deċizjoni appellata fil-konfront tagħhom, fis-sens li tillibera lill-appellanti mill-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħhom.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellanti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi iż-żewġ aggravji ventilati mill-appellanti essenzjalment iduru madwar l-apprezzament tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, u dan meta jilmentaw illi l-provi miksubin in atti ma jwasslux għar-reita' għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħhom meta huma ġew mixlija bir-reat hekk imsejjaħ ta' *raggion fattasi*, oltre li jikkontendu illi l-elementi proċedurali mfassla fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma jissussistux.

Illi eżaminati mill-ġdid l-atti u dan sabiex jiġu meqjusa l-aggravji imressqa 'il quddiem mill-appellanti, jirrizulta illi nhar id-9 ta' Frar 2021, kienu l-appellanti li ressqu kwerela lill-Pulizija fil-konfront ta' Henrietta u Everaldo Attard u dan meta rrapurtaw li nhar l-4 ta' Novembru 2020, il-bennej tagħhom ċertu Nicholas Debono irċieva

komunikazzjoni mingħand Henrietta Attard fejn din infurmatu li jekk huwa ma kienx ser ineħħi z-zewġ turġien li kien bena fil-bitħa komuni li kellha mal-appellanti, kienet ser taqlagħhom hija stess. Jirrizulta filfatt, li l-imsemmija Henrietta Attard, dakinhar stess neħħiet dawn iz-zewġ turġien, hekk kif ammettiet ukoll quddiem l-Ewwel Qorti, tant illi ittieħdu proċeduri kriminali kontestwalment kontra tagħha ukoll. Hija filfatt saħqet li l-appellanti ma kienux talbu l-permess tagħha sabiex jagħmlu dawn iz-zewġ turġien u *in oltre*, minħabba fihom, ma setgħetx tniżżel is-sellum sabiex ikollha aċċess għal bitħa in kwistjoni. Minn naħa l-oħra, l-appellanti saħqu li dawn it-turġien kienu hemm b'mod temporanju fuq istruzzjonijiet mill-uffiċjali tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u dana għaliex infurmawhom li kien hemm bżonn ta'aċċess adegwat u sigur għall-ħaddiema li kienu qed jaħdmu fuq il-post.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellanti jinsabu akkuzati bir-reat maħsub fl-artikolu 85 taI-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' dak ir-reat hekk magħruf bħala *raggion fattasi*. Hekk kif ġie stabbilit minn ġurisprudenza kopjuza, l-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

**a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;**

**b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;**

**c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;**

**d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.**

***In oltre*, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fi-rritenzjoni ta' pussess li dak li jkun ġja kellu.**[1]

[1] Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina, deċiża millQorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.

Fil-każ fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Bongailas</u>**[2], il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat hekk –

> **Id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le la pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu.[3]**

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha, il-parti offiża kellhom *de minimis* il-jedd ta' tgawdija fuq il-bitħa in kwistjoni bħala ko-proprjetarji flimkien mal-appellanti, tant illi dan il-fatt qatt ma ġie kkontestat biex b'hekk kull parti kellha jedd għall aċċess għall-imsemmija bitħa.

Illi, kif ġie deciz –

> **Il-ko-possessuri ta' oggett ghandhom - sakemm ma jigix miftiehem jew ordnat mod iehor minn awtorita' kompetenti, jew sakemm mhux ipprovdut mod iehor fil-ligi - drittijiet ta' tgawdija indaqs fuq dak l-oggett. L-istess jinghad ghall-koproprjetarji: dawn ghandhom drittijiet indaqs fuq l-oggett u, kif jipprovdi espressament l-artikolu 491 (b) tal-Kodici Civili, ghalkemm kull wiehed mill-koproprjetarji jista' jinqeda bilhwejjeg in komun, dan ma jistax jaghmlu "b'mod li ma jhallix lill-koproprjetarji l-ohra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet taghhom".[4]**

Huwa fatt inkontestat ukoll li l-appellanti ma talbux permess lill-parte civile sabiex jagħmlu it-turġien fil-bitħa sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għall-ħaddiema tagħhom. L-appellanti jisħqu li t-turġien in kwistjoni kienu temporanji pero' l-parte ċivile minn naħa l-oħra tisħaq li l-bennej Nicholas Debono kien qal li kienu permanenti u kien ghalhekk li kienet neħħiethom. Il-Qorti tinnota li Nicholas Debono pero' qatt ma ttella' jixhed u għaldaqstant, f'dan l-istadju, ma jistax jiġi vverifikat jekk it-turġien in kwistjoni tpoġġewx hemm b'mod temporanju jew permanenti. Ukoll l-kommunikazzjoni minn naħa tal-Uffiċjal tas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol,

---

[2] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001.
[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.
[4] Il-Pulizija vs Georgina Gauci – App.Inf. 07/01/1998.

eżebita in atti, hija datata l-4 ta' Frar 2021 u ċioe diversi xhur wara dan l-inċident, sabiex b'hekk ma hux ippruvat jekk il-bżonn li jsir dan l-aċċess kienx wieħed neċessarju kif jikkontendu. Oltre dan mir-ritratti eżebiti jirriżuta illi l-appellanti imlew din il-bitħa b' diversi għodda u fdaljijiet oħra ta' kostruzzjoni biex b'hekk il-Qorti tifhem illi huma qegħdin jostakolaw l-użu u t-tgawdija tal-kwerelanti b'impunita'.

Illi mix-xhieda tal-parte ċivile, fil-fatt, jirriżulta li d-dritt tagħha ta' tgawdija tal-bitħa in kwistjoni ġie ppreġudikat bl-aġir tal-appellanti. Hekk kif xehdet Henrietta Attard quddiem l-Ewwel Qorti, l-aċċess tagħha għall-bitħa in kwistjoni hija tramite' tieqa fejn huma jinzlu l-isfel għal ġol bitħa minn fuq sellum. Attard kompliet tgħid li meta l-appellanti għamlulhom it-turġien in kwistjoni, huma ma setgħux jinzlu ġol bitħa u dana għaliex is-sellum kien jiġi fuq l-istess turġien u allura ma kienx ħa jkun sod u sigur li huma jinzlu.

Issa għalhekk huwa minnu li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ partikolari l-appellanti, b'att volut u pozittiv, waqfu l-aċċess għall-bitħa mertu ta' din il-vertenza sabiex il-parte ċivile ma setgħux jaċċedu għall-istess, biex b'hekk twieled stat anti ġuridiku, madanakollu kienet l-istess parti offiża li imbagħad iddeċċidiet li tneħħi dan l-istat anti-ġuridiku sabiex b'hekk ma jistax jingħad illi l-aċċess favur tagħha baqa' ostakolat. Dan għamlitu sabiex tipproteġi l-*istatus quo ante* skont il-prinċipju *vim vi repellere lecit*.

Illi huwa indubitat għalhekk illi l-appellanti mingħajr ma tallbu ebda permess minn għand il-kwerelanti ostakolaw l-aċċess liberu li l-kwerelanti kienu igawdu għal bitħa. Dan jirriżulta ippruvat u lanqas miċħud mill-appellanti stess, li madanakollu jikkontendu illi ġew kostretti joħolqu dan l-ostakolu għal raġunijiet ta' saħħa u sigurta' tal-ħaddiema li kienu ġew minnhom inkarigati f'xogħolijiet ta' kostruzzjoni li kienu qed isiru fil-proprjeta' tagħhom.

Illi fid-dawl ta' dan il-kwadru tal-fatti l-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv la legali u lanqas fattwali li jista' iġiegħelha titbiegħed mill-konkluzjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**